# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-17 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 799/2006**

**Victoria Galea**

**vs.**

**1. Mary Casingena;**

**2. Margaret Galea f'isimha proprju u bhala prokuratrici tal-assenti Sir Alfred Cuchieri residenti l-Iskozja, u Dr Anthony Cuschieri residenti l-Kanada;**

**3. Magdalene Sofia *sive* Gloria Cuschieri**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-30 ta' Gunju, 2006, li permezz taghha r-rikorrenti sintetikament issottomettiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi l-kontendenti huma ahwa, ulied il-mejtin Salvatore u Angela konjugi Cuschieri;

1.2. Illi missier il-kontendenti miet fit-30 ta' Gunju, 1993, waqt li ommhom mietet fis-27 ta' Marzu, 2006;

1.3. Illi omm il-kontendenti ghamlet diversi testmenti pubblici, (ara foll 9), u ma nstab l-ebda testment sigriet redatt minnha, (ara foll 1);

1.4. Illi f'Dicembru, 1998, l-istess omm il-kontendenti bdiet tbati mid-*Dementia* u kienet taht il-kura tal-konsulent psikjatra Dr. David Cassar;

1.5. Illi r-rizultat tal-istess kondizzjoni l-istess omm kellha tigi rikoverata anke permanentement f'Villa Messina, ir-Rabat, fejn kellha l-assistenza u s-sorveljanza rikjesta;

1.6. Illi fl-20 ta' Dicembru, 1999, l-istess omm il-kontendenti kienet certifikata mill-konsulent fuq indikat bhala dizorjentata u dementi, (ara foll 7);

1.7. Illi jirrizulta li *nonostante* l-istat li kienet fih l-istess omm il-kontendenti irredigiet testment *in atti* tan-Nutar Dottor John Gambin, datat is-7 ta' Dicembru, 1999, (ara foll 10);

1.8. Illi biex jigi redatt l-imsemmi testment l-imsemmija testatrici inharget minn Villa Messina appozitament minn bintha l-intimata Margaret Galea minkejja li l-istess kienet konsapevoli tal-istat mentali tal-istess testatrici;

1.9. Illi l-istess intimata indikata fil-paragrafu precedenti ghamlet tajjeb ghall-ispejjez notarili fir-rigward *stante* li t-testatrici ma kelliex flus;

1.10. Illi t-testment tas-7 ta’ Dicembru, 1999, fuq riferit sar meta l-istat mentali tat-testatrici kien alterat billi l-istess kienet qed issofri minn stat avvanzat ta’ *dementia*;

1.11. Illi l-ligi tqis inkapaci li jaghmlu testment dawk li ma jkunux tajbin minn mohhom;

1.12. Illi ghalhekk it-testatrici kienet inkapaci li taghmel testment validu fis-7 ta’ Dicembru, 1999;

1.13. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.13.1. Tiddikjara li meta t-testatrici fuq riferita ghamlet it-testment tas-7 ta’ Dicembru, 1999, l-istat mentali taghha kien alterat minhabba l-istat avvanzat tad-*dementia* li minnha kienet qed issofri;

1.13.2. Tiddikjara li t-testment maghmul minn Angela Cuschieri fis-7 ta’ Dicembru, 1999, hu null u minghajr effett;

1.13.3. Tordna li s-successjoni tal-istess testatrici in dizamina tigi regolata mit-testment jew testmenti precedenti taghha li saru meta kienet fi stat mentali tajjeb;

1.13.4. Bl-ispejjez;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-12 ta’ Settembru, 2006, li permezz tieghu appuntat ir-rikors *de quo* ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 11);

3.0. Rat ir-risposta datata s-6 t’Ottubru, 2006, li permezz taghha l-intimati hemm indikati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 15):

3.1. Illi t-testment in dizamina tas-7 ta’ Dicembru, 1999, hu validu fil-forma u fis-sustanza *stante* li t-testatrici kienet fil-piena fakoltajiet taghha *d’intendere e` di volere*;

3.2. Illi r-rikorrenti kienet tamministra l-assi patrimonjali tat-testatrici *de quo* b’mod esklussiv;

3.3. Illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti gabet lit-testatrici taht il-kontroll taghha tant li l-intimati ma setghux jaraw jew ikellmu lil ommhom;

3.4. Illi r-rikorrenti irrikoverat lit-testatrici f'Villa Messina b'ajjutanti maghzulin minnha;

3.5. Illi kien jidher car li t-testatrici kienet tibza mir-rikorrenti;

3.6. Illi fit-2 t'Ottubru, 2002, ir-rikorrenti intavolat procedura biex it-testatrici tigi interdetta;

3.7. Illi t-testment in dizamina juri l-volonta` libera tat-testatrici li dejjem sostniet li ma riedet tbiddel xejn mit-testment *unica charta* li kienet ghamlet ma' zewgha;

3.8. Illi t-testment tas-7 ta' Dicembru, 1999, jirrifletti l-istess testment *unica charta* fuq riferit;

3.9. Illi t-testment precedenti kien maghmul meta t-testatrici kienet taht il-kontroll tar-rikorrenti;

3.10. Illi ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3.11. Salv risposti ulterjuri;

4.0. Rat il-kontro-talba tal-istess intimati annessa mar-risposta taghhom li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 17):

4.1. Illi l-kontendenti huma ahwa;

4.2. Illi l-ahhar testment t'ommhom hu dak datat is-7 ta' Dicembru, 1999, *in atti* tan-Nutar Dottor John Gambin, (ara foll 10);

4.3. Illi bl-azzjoni taghha r-rikorrenti qed tipprova tfixkel l-eskuzzjoni tat-testment in dizamina;

4.4. Illi ghalhekk jiskatta l-artiklu 6 tal-istess testment, (ara foll 10 *a tergo*), u b'hekk ir-rikorrenti titlef kull beneficcju lilha

derivanti mill-istess testment u tkun intitolata biss ghal legittima;

4.5. Illi konsegwenza tal-istess l-imsemmija initimati rikonvenzjonanti jitolbu li din il-qorti:

4.5.1. Tiddikjara li in vista tal-azzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonata din ma qaghditx ghat-testment in dizamina t'ommha Angela Cuschieri datat is-7 ta' Dicembru, 1999, u qed tfixkel l-esekuzzjoni tal-istess;

4.5.2. Tiddikjara li in vista tal-ewwel (1) talba tar-rikorrenti din ghandha titlef kull beneficcju lilha derivanti mill-imsemmi testment u tkun biss intitolata ghall-legittima *ai termini* tal-artiklu 6 tal-istess testment;

4.5.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata;

5.0. Rat ir-risposta guramentata tar-rikorrenti rikonvenzjonata ghall-kontro-talba tal-intimati rikonvenzjonanti datata t-23 t'Ottubru, 2006, li permezz taghha irrispondiet sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 20):

5.1. Illi t-talbiet rikonvenzjonanti huma infondati u jammontaw ghal abbuz tal-process gudizzjarju;

5.2. Illi ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu respinti;

5.3. Illi r-ragunijiet ghal tali respingiment huma sintetikament is-segwenti:

5.3.1. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonata dejjem daret bit-testatrici b'ghozza kbira u dan, anke qabel ma din kienet interdetta;

5.3.2. Illi t-testatrici kienet ammessa f'Villa Messina *stante* li l-kundizzjoni taghha iddeteriorat;

5.3.3. Illi meta t-testatrici irredigiet it-testment taghha tas-7 ta' Dicembru, 1999, hi kienet gia` ilha sena

taht il-kura tal-psikjatra in dizamina minhabba d-*dementia*;

5.3.4. Illi f'dik il-gurnata tal-istess testment it-testatrici kienet mehuda ghall-gharrieda minn Villa Messina gha ghand in-nutar *de quo*;

5.3.5. Illi l-istat mentali tat-testatrici kien ikkonfermat mill-konsulent psikjatra in dizamina kemm bil-gurament quddiem qorti ohra u permezz ta' certifikat mediku, (ara foll 7);

5.3.6. Illi ghalhekk fis-7 ta' Dicembru, 1999, it-testatrici ma kienitx fi stat li taghmel testment;

5.3.7. Illi min hareg lit-testatrici minn Villa Messina biex taghmel l-imsemmi testment ghamel dan b'mod abbuziv;

5.3.8. Illi l-artiklu 6 tat-testment *de quo* sar ukoll b'mod abbuziv u illegali;

5.3.9. Salv risposti ulterjuri;

6. Rat id-digriet taghha datat it-13 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet kienu ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu, (ara rispettivament foll 342 u 384), u wara talba appozita ghall-istess, awtorizzat lill-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 428), u kif sussegwentement estiza fil-konfront tal-intimati, (ara foll 446);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-24 t'Ottubru, 2016, (ara foll 433), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati hemm indikati datata t-28 ta' Frar, 2017, (ara foll 447);

8. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat is-7 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti minnhom ipprezentati, (ara foll 454);

9. Semghet ix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti pprezentati *in atti* flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti u max-xhieda mismugha minn din l-istess qorti diversament preseduta;

Ikkunsidrat:

11. Illi preliminarjament tirrileva li l-intimata Magdalene Sofia *sive* Gloria Cuschieri ghalkemm tirrizulta debitament notifikata bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz ghas-smigh permezz tar-riferta datata s-26 ta' Marzu, 2007, (ara foll 27 *a tergo*), l-istess intimata baqghet fi stat ta' kontumacja;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi fl-essenzjalita` taghhom il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

12.1. Illi l-kontendenti huma ahwa ulied Salvatore u Angela konjugi Cuschieri, (ara foll 1 u 15);

12.2. Illi permezz tal-azzjoni odjerna minnha intrapriza, r-rikorrenti qed tattakka r-regolarita` tat-testment redatt minn ommha Angela Cuschieri datat is-7 ta' Dicembru, 1999, (ara foll 10);

12.3. Illi t-testatrici mietet fis-27 ta' Marzu, 2006, (ara foll 1);

12.4. Illi fl-ahhar fazi ta' hajjitha, bejn wiehed u iehor mill-1999 'l quddiem, it-testatrici kienet bdiet issofri mid-dementia progressive senjatament *"severe chronic organic brain syndrome"*. (ara foll 368);

12.5. Illi ghal din il-kundizzjoni kienet taht il-kura ta' konsulent psikjatra, (ara foll 70), minn dak il-perjodu indikat fil-paragrafu precedenti sal-ahhar fazi tal-kundizzjoni taghha;

12.6. Illi f'Awwissu 1999, it-testatrici ddahhlet fid-dar residenzjali bl-isem Villa Messina, (ara foll 34);

12.7. Illi ghalkemm wara madwar tliet (3) gimghat kien hemm tentattiv mir-rikorrenti biex tibda tiehu hsiebha hi stess id-dar residenzjali taghha, s-sitwazzjoni tat-testatrici kompliet tiddeterjora, u bir-realizzazzjoni li l-istess proponiment kien impossibbli li jkun effettiv, it-testatrici regghet giet introdotta b'mod permanenti fl-imsemmija Villa Messina f'Settembru, tal-istess sena, (ara foll 34);

12.8. Illi fis-7 ta' Dicembru, 1999, it-testatrici ttiehdet minn bintha l-intimata Margaret Galea biex tirredigi t-testment meritu tal-procedura odjerna, (ara foll 2);

12.9. Illi skont ic-certifikat mediku rilaxxat mit-tabib kuranti tat-testatrici, il-konsulent psikjatra in dizamina datat l-20 ta' Dicembru, 1999, gie stabbilit li l-istess testatrici, (ara foll 7, 43, 139, 151 u 325):

12.9.1. Hi dizorjentata fir-rigward tal-ambjent u taz-zmien;

12.9.2. Illi l-memorja taghha hi qasira u hazina hafna;

12.9.3. Illi l-abilita` taghha li tikkoncentra hi alterata;

12.9.4. Illi kienet gia` qed issofri minn process demenzjali prekoci, li jimpedilha l-kapacita` taghha ghal gudizzju;

12.9.5. Illi ghalhekk irrakkomanda li l-istess testatrici tigi legalment interdetta;

Ikkunsidrat:

13. Illi r-rikorrenti intavolat il-procedura odjerna ghaliex in vista tal-premess, tippretendi li t-testment *de quo in atti* tan-Nutar Dottor John Gambin, datat is-7 ta' Dicembru, 1999, (ara foll 10), hu null u minghajr effett *stante* li l-istat mentali tat-testatrici fil-mument meta gie redatt l-istess testment kien alterat in konsegwenza tas-sitwazzjoni mentali rizultanti mid-demenzja riskontratata;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artikli 597 u 599 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li jkunu t'ghajnuna ghar-risoluzzjoni tal-vertenza in dizamina;

14.1. "597. Huma inkapaci li jiddisponu b'testment:

"d. dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b'dizordni mentali jew kundizzjoni ohra, li taghmilhom inkapaci li jiehdu hsieb hwejjighom fil-hin li jsir it-testment";

14.2. "599. It-testmenti maghmulin minn persuni inkapaci huma nulli, ukoll jekk l-inkapacita` tat-testatur tispicca qabel il-mewt tieghu";

Ikkunsidrat:

15. Illi jirrizulta li l-principji regolatorji f'kawza bhal din in dizamina t'impunjazzjoni ta' testment minhabba inkapacita` mentali jirrizultaw kompilati fis-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Carmen Josephine Cassar vs. Louis sive Lewis u Margaret Rose konjugi Naudi***, datata s-***6 t'Ottubru, 2010***, li tistabbilixxi s-segwenti:

"Distingwibilment, f'aktar dettal jinsab rikapitulat illi l-principji li ghandhom jircievu applikazzjoni f'kazijiet ta' impunjazzjoni ta' testment minhabba insanita` mentali huma dawn li gejjin:

"1. Li l-kapacita` li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l-inkapacita` hija l-eccezzjoni;

"2. Li regola ohra fundamentali hija wkoll dik stabbilita mill-paragrafu (d) tal-artiklu 634 (fil-prezent l-artiklu 597 (d)) tal-Kodici Civili, li huma inkapaci li jiddisponu b'testment dawk li fiz-zmien tat-testment ma jkunux f'sensihom ("*of unsound mind*");

"3. Li biex wiehed jaghmel testment ma hemmx bzonn "una mente perfettamente e rigorosament sana, ma basta quell limitato uso della ragione che permetta la

coscienza di cio` che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentaria", (ara sentenza tal-***Qorti tal-Kassazzjoni ta' Torino tal-4 ta' Frar, 1871***);

"4. Li biex tigi stabbilita l-insanita` mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi;

"5. Li l-qrati taghna dejjem kienu renitenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat testment minhabba insanita` mentali tat-testatur, jekk din l-inkapacita` ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment";

16.0. Illi l-istess principji gew ukoll ribaditi fis-sentenzi tal-***Qorti tal-Appell Civili*** fl-ismijiet:

16.1. ***Joseph Vassallo et vs. Avv. Dr. Victor R. Sammut et nomine***, datata l-***24 t'April, 1950***, u

16.2. ***Giuseppe Formosa et vs. Giuseppe Axiak et*** datata t-***22 ta' Gunju, 1938***;

Ikkunsidrat:

17. Illi in vista tal-insenjament suespost ghandu jirrizulta pacifiku li l-presunjoni li tezisti fir-rigward ta' tali testmenti hi dik favur il-kapacita` tat-testatur li jaghmel testment;

Ikkunsidrat:

18. Illi rigward il-prova li ghandha necessarjament tingieb rigwardanti l-istat mentali in dizamina fil-mument ta' meta t-testatrici in dizamina ghamlet it-testment taghha, senjatament fis-7 ta' Dicembru, 1999, biex b'hekk jigi determinat jekk l-istess kienitx *compos mentis* u ghalhekk kapaci tiddisponi minn gidha wara li tghaddi ghal hajja ahjar, terga' ssir referenza ghas-sentenza pre-citata ***Cassar vs. Naudi et***, (ara paragrafu numru hmistax, (15.), aktar qabel), li f'dan ir-rigward tissottolinea s-segwenti:

> "Fundamentalment, jekk kienitx ta' stat tali li seta' jissoprimi l-attitudni tieghu biex jiddeciedi b'mod koxjenti u liberu. Prova din li, dejjem fuq l-istregwa tal-gurisprudenza enuncjata, trid tkun wahda serja u rigoruza";

19. Illi l-istess linja rigoruza kienet ukoll emfasizzata fis-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Joseph Bonavia et vs. Giovanni Bonavia et*** datata l-***20 t'Ottubru, 1971***;

20. Illi ghalhekk l-oneru ta' tali prova tinkombi fuq ir-rikorrenti biex tipprova l-ezistenza tal-inkapacita` mentali bhala rizultat tal-kundizzjoni mentali riskontrata, u dan, fil-mument ta' meta gie redatt it-testment in dizamina;

Ikkunsidrat:

21. Illi f'dan ir-rigward din il-qorti ma tistax ma tistriehx fuq l-analisi esperta tal-konsulent psikjatra li fic-certifikat mediku fuq gia` riferit iccertifika li t-testatrici in dizamina effettivament f'dak il-mument partikolari ta' meta sar it-testment, kienet qed issofri minn *"chronic organic brain syndrome"*, (ara foll 368);

22. Illi *di piu`*, l-istess konsulent isosstni li tali analisi tal-kundizzjoni li t-testatrici kienet qed issofri minnha ma kienitx rizultat ta' ezami partikolari wiehed fir-rigward izda jafferma li:

> "... dan irid jittiehed fil-kuntest ukoll illi jiena lil Cuschieri ma rajthiex f'okkazzjoni wahda biss, u ma rajthiex biss ghal finijiet ta' dan ic-certifikat, (tas-7 ta' Dicembru, 1999). Jiena kont ilni naraha ghal tul ta' zmien", (kjarifika tal-qorti);

23. Illi *in oltre* jigi osservat li r-ricetta tal-Fluanxol datata l-5 ta' Frar, 1999, (ara foll 85), preskritta lill-istess testatrici mill-imsemmi konsulent, kienet intiza biex biha jikkontrolla xi ftit u jimminimizza l-progressjoni tad-*dementia* li t-testatrici kienet issofri minnha;

24. Illi ghalhekk, anke l-preskrizzjoni tal-medicina indikata fil-paragrafu precedenti hi indikattiva li l-kundizzjoni debilitattiva li l-testatrici kienet qed issofri minnha kienet ilha li laqtet lill-istess minn perjodu ferm qabel ma gie redatt it-testment in dizamina;

25. Illi jigi sottolineat, ghalkemm mhux b'mod determinanti, li d-data tac-certifikat mediku tal-konsulent *de quo* - 1 – 20 ta' Dicembru, 1999 – (ara paragrafu numru tnax punt disgha, (12.9.), aktar qabel), hu biss ftit granet wara d-data li fiha gie redatt it-testment in dizamina – 7 ta' Dicembru, 1999, (ara foll 10);

26. Illi pero`, in vista tal-analisi medika suesposta u tal-istess prossimita` tac-certifikat *de quo* mal-*punctum temporis* ta' meta gie redatt it-testment, jirrizulta assodat li d-*dementia* tat-testatrici kienet ilha inkombenti fuqha minn zmien qabel ma kien redatt it-testment *de quo*, u hu indikattiv ukoll l-istat mentali serjament prekarju tat-testatrici meta din irredigiet l-istess testment;

Ikkunsidrat:

27. Illi ghalkemm iben it-testatrici, mediku insinji li ghamel gieh lil art twelidu, isostni li meta ra lill-mama` tieghu hi kienet mentalment sana, ghandu jinghad li dan ikkonstata dan meta ra fl-2001 – ferm qabel ma l-istess testatrici kienet aggredita bis-sitwazzjoni mentali fuq deskritta, (ara paragrafu wiehed u ghoxrin, (21.), aktar qabel);

28. Illi *di piu`*, l-istess affermazzjoni tirrizulta pjuttost preokkupanti meta paragunata ma ittra tal-istess iben it-testatrici datata l-20 ta' Frar, 1999, (ara foll 295), *stante* li fl-istess ittra jafferma minflok li:

> "I was aware that Nanna, (it-testatrici), has been developing *senile dementia*, (kjarifika tal-qorti);

Ikkunsidrat:

29.0. Illi rizultat tal-fatti fuq elenkati jigu sottolineati s-segwenti:

29.1. Illi t-testatrici giet certifikata li kienet mentalment mhux sana tlettax (13) il-gurnata biss wara li gie redatt it-testment in dizamina;

29.2. Illi skont l-istess konsulent psikjatra fuq riferit l-istat demenzjali tat-testatrici kien ilu jippersisti fuqha minn zmien ferm qabel l-istess testment;

Ikkunsidrat:

30. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghad-deposizzjoni tan-Nutar li rrediga t-testment *de quo* li jigi sottolineat li ghalkemm dan jafferma li meta t-testatrici ttiehdet ghandu ghal dan l-iskop hu kien **jidhirlu** li kienet persuna normali, (ara foll 364), tali affermazzjoni fiha nnifisha ma taghti l-ebda certezza xjentifika li fil-fatt it-testatrici kienet *sana di mente*;

31. Illi *del resto* Nutar hu persuna istruwita fil-ligi mhux fil-psikjatrija u ghalhekk, il-valutazzjoni tieghu fuq riferita trid ittiehed fil-limiti *de quo*;

32. Illi l-analisi xjentifikament ippreparata tal-konsulent psikjatra li stabbilixxa li l-istess testatrici kienet qed issofri minn *"severe organic brain syndrome"* timmerita l-avall inkondizzjonat ta' din il-qorti, (ara foll 369);

33. Illi *di piu`*, l-istess konsulent jafferma wkoll li l-istess sindromu kien ilhu ghaddej:

   "... ghal perjodu konsiderevoli, tal-anqas sena", (ara foll 369);

34. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi li t-testatrici in dizamina kienet mentalment inkapaci fil-mument ta' meta gie redatt it-testment taghha tas-7 ta' Dicembru, 1999, b'mod li ma setghetx taghmel testment validu biex tiddisponi minn gidha wara mewtha;

Ikkunsidrat:

35.0. Illi fir-rigward tal-kontro-talba tal-intimati fuq riferiti jinghad sintetikament is-segwenti:

   35.1. Illi in vista tas-suespost it-testment tat-testatrici *de quo* datat is-7 ta' Dicembru, 1999, qed jigi dikjarat null u minghajr effett;

   35.2. Illi konsegwentement, anke l-artiklu 6 fih inkluz hu wkoll null u minghajr effett;

35.3. Illi konsegwentement tiddikjara li t-talbiet kollha kontenuti fil-kontro-talba in dizamina qed jigu respinti;

Ikkunsidrat:

36.0. Illi in vista tal-premess:

**DECIDE:**

36.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

36.2. Tirrespingi r-risposti tal-intimati;

36.3. Tirrespingi wkoll t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tal-intimati rikonvenzjonanti;

36.4. Takkolji r-risposti tar-rikorrenti rikonvenzjonata ghat-talbiet tal-intimati rikonvenzjonanti;

36.5. Tiddikjara li t-testment tat-testatrici Angela Cuschieri datat is-7 ta' Dicembru, 1999, fuq riferit hu null u minghajr effett *stante* l-istat mentali alterat tal-istess testatrici rizultat tad-*dementia* li minnha kienet issofri;

36.6. Tordna li s-successjoni tal-istess testatrici tigi regolata mit-testment jew testmenti precedenti taghha li saru meta kienet fi stat mentali tajjeb;

36.7. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**